IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2020
COM(2020) 838 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/643 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija

1. INTRODUZZJONI

1.1 GĦAN TAR-RAPPORT

L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija[1] jispeċifika li, wara li tikkonsulta lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar żviluppi futuri sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull 4 snin wara.

L-ewwel taqsima ta' dan ir-rapport tiddeskrivi l-isfond tar-Regolament, il-kuntest tal-politika, u l-pajjiżi u l-istatistika li għalihom japplika r-Regolament. It-tieni taqsima tippreżenta kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament, filwaqt li t-tielet u r-raba' taqsimiet fihom deskrizzjoni ta' żviluppi futuri possibbli kif ukoll il-konklużjonijiet.

1.2 SFOND GĦALL-QAFAS ĠURIDIKU

Il-bażi ġuridika inizjali għall-istatistika tat-trasport bil-ferrovija kienet ir-Regolament (KE) Nru 91/2003[2]. Billi dan ir-Regolament ġie emendat kemm-il darba b'mod sostanzjali, fl-2018, dan ġie riformulat fl-interess taċ-ċarezza bħala r-Regolament (UE) 2018/643, fejn it-tibdiliet kollha nġabru f'test legali ġdid wieħed.

Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 kien imfassal biex jipprovdi lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE, lill-gvernijiet nazzjonali u lill-pubbliku ġenerali b'*data* statistika komparabbli, affidabbli, armonizzata, regolari u komprensiva dwar it-trasport bil-ferrovija tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

L-emendi introdotti fl-2016 bir-Regolament (UE) 2016/2032 kellhom l-għan li jaġġornaw u jissimplifikaw l-att oriġinali (u b'hekk inaqqsu l-piż għall-Istati Membri). Kellhom ukoll l-għan li jottimizzaw il-qafas legali eżistenti għall-istatistika Ewropea dwar it-trasport bil-ferrovija u li jallinjawh mat-Trattat ta' Lisbona.

1.3 IL-KUNTEST TAL-POLITIKA

Il-Kummissjoni ilha għal dawn l-aħħar 25 sena tipproponi b'mod attiv ir-ristrutturar tas-suq Ewropew tat-trasport bil-ferrovija sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-ferroviji fir-rigward ta' modi oħra tat-trasport. L-isforzi tal-Kummissjoni kkonċentraw fuq tliet objettivi ewlenin, li lkoll huma kruċjali għall-iżvilupp ta' industrija tat-trasport bil-ferrovija b'saħħitha u kompetittiva:

(1) il-ftuħ tas-suq tat-trasport bil-ferrovija għall-kompetizzjoni;

(2) it-titjib tal-interoperabbiltà u tas-sikurezza tan-networks nazzjonali;

(3) l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija.

Ir-rilevanza tal-politika hija għolja ħafna. Il-White Paper *Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti*[3] tistabbilixxi bosta għanijiet għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti. Minn dak iż-żmien, il-prijorità kienet li tinkiseb żona ferrovjarja Ewropea unika billi: i) jitneħħew l-ostakli tekniċi, amministrattivi u legali li jfixklu d-dħul fis-swieq

[1] ĠU L 112, 2.5.2018, p. 1.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija (ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1).

[3] COM(2011) 144 final.

ferrovjarji nazzjonali; u ii) jitlesta n-network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja sal-2050, meta l-biċċa l-kbira tal-vjaġġi tal-passiġġieri fuq distanzi medji jenħtieġ li jsiru bil-ferrovija.

Minbarra li tappoġġa l-ħtiġijiet ta' politika, id-*data* miġbura skont ir-Regolament (UE) 2018/643 hija siewja wkoll għall-kumpaniji tat-trasport, għall-universitajiet, għar-riċerkaturi u għal dawk li jfasslu l-mudelli li jaħdmu fit-trasport bil-ferrovija.

Fi kwestjonarju mibgħut f'April 2020, l-Istati Membri speċifikaw il-benefiċċji tad-*data* miksuba mill-istatistika tal-ferroviji. Skont il-feedback tagħhom, id-*data* tintuża minn: awtoritajiet nazzjonali; istituti tar-riċerka; l-industrija ferrovjarja nnifisha, għall-analiżi u għall-ippjanar; l-istituzzjonijiet tal-UE; organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Forum Internazzjonali tat-Trasport u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti; u dawk li jfasslu l-politika, għall-ippjanar, għall-monitoraġġ tal-miri u għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Barra minn hekk, l-Istati Membri nnutaw li hemm bżonn ta' *data* sabiex: josservaw l-evoluzzjoni tal-attività tat-trasport bil-ferrovija permezz ta' monitoraġġ ta' terminu qasir (bl-użu ta' *data* trimestrali) u permezz ta' monitoraġġ fit-tul (bl-użu ta' *data* annwali); iwettqu analiżijiet tax-xejriet nazzjonali u jagħmlu parametraġġi referenzjarju ma' pajjiżi oħra; u jsegwu kif qed jevolvi s-sehem tat-trasport bil-ferrovija fit-trasport Ewropew ġenerali meta mqabbel ma' modi oħra (qasma modali).

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[4] huwa l-istrateġija l-ġdida għat-tkabbir li għandha l-għan li tagħmel l-ekonomija tal-UE sostenibbli billi ssarraf l-isfidi klimatiċi u ambjentali f'opportunitajiet fl-oqsma kollha ta' politika u billi tagħmel it-tranżizzjoni ġusta u inklużiva għal kulħadd. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport sal-2050, inkluż bl-azzjonijiet ta' prijorità li ġejjin għal tibdil lejn mobbiltà sostenibbli u intelliġenti:

- it-tisħiħ tat-trasport "multimodali";
- l-appoġġ għal mobbiltà awtomatizzata u konnessa bejn il-modi tat-trasport;
- l-indirizzar aħjar tal-kostijiet esterni tal-attivitajiet tat-trasport permezz tal-ipprezzar;
- iż-żieda fil-produzzjoni u fl-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli tat-trasport; u
- it-tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport, speċjalment fil-bliet.

Sabiex titħaffef din il-bidla, proporzjon sostanzjali tal-merkanzija ttrasportata bit-triq jenħtieġ li jibda jiġi ttrasportat bil-ferroviji u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (illum, 75 % tal-merkanzija interna tiġi ttrasportata bit-triq).

1.4 KOPERTURA TAL-ISTATI MEMBRI U TA' PAJJIŻI OĦRAJN

Ir-Regolament (UE) 2018/643 japplika direttament u fl-intier tiegħu għall-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri kollha huma meħtieġa jipprovdu d-*data* stipulata fir-Regolament, ħlief Malta u Ċipru, li ma għandhomx infrastruttura ferrovjarja u, għalhekk, ma għandhom l-ebda attività ta' trasport bil-ferrovija.

Id-*data* dwar it-trasport bil-ferrovija hija pprovduta wkoll minn tliet pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) - in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Tliet pajjiżi kandidati (il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u t-Turkija) u pajjiż kandidat potenzjali wieħed (il-Bożnija-Ħerzegovina) jipprovdu *data* fuq bażi volontarja.

F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/643, il-pajjiżi jibagħtu lill-Eurostat: (i) l-istatistika annwali dettaljata dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri; (ii) l-

[4] COM(2019) 640 final.

istatistika trimestrali dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri; (iii) l-istatistika reġjonali dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri (kull 5 snin, għal perjodu ta' referenza ta' sena); (iv) l-istatistika dwar il-flussi tat-traffiku fin-network ferrovjarju (kull 5 snin, għal perjodu ta' referenza ta' sena); u (v) l-istatistika annwali dwar il-livell ta' attività tat-trasport fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

Mill-1 ta' Frar 2020, meta r-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea, il-Eurostat żied mas-settijiet ta' *data* tiegħu l-aggregat il-ġdid "Unjoni Ewropea - 27 pajjiż (mill-2020)" li jeskludi r-Renju Unit. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sa tmiem l-2020, ir-Renju Unit qed ikompli jibgħat id-*data* lill-Eurostat, u din id-*data* hija disponibbli għall-utenti.

2. SEGWITU GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

2.1 KONFORMITÀ MAL-OBBLIGI LEGALI

Hemm konformità tajba ħafna mal-obbligi definiti fir-Regolament (UE) 2018/643 għall-forniment tad-*data*, bl-Istati Membri kollha qed jipprovdu s-settijiet ta' *data* meħtieġa. Xi kultant jista' jkun hemm dewmien qasir minħabba tibdiliet fil-livell nazzjonali (eż. tibdiliet fis-sistemi tal-IT jew fis-suq ferrovjarju). Madankollu, dan id-dewmien qatt ma kellu impatt fuq il-produzzjoni tal-istatistika tat-trasport bil-ferrovija. Il-pajjiżi jsegwu l-metodoloġija maqbula, filwaqt li jiżguraw il-produzzjoni ta' statistika affidabbli u ta' kwalità għolja dwar it-trasport bil-ferrovija tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Ewropa.

2.2 IL-METODI TA' ĠBIR TAD-*DATA* UŻATI FL-ISTATI MEMBRI

L-intrapriżi ferrovjarji jiġbru d-*data* bl-użu tal-metodi adottati minn kull pajjiż u jibagħtuha lill-awtoritajiet nazzjonali, li huma responsabbli għall-ipproċessar tad-*data*. Ir-*Reference Manual on Rail transport statistics*[5] (*Manwal ta' Referenza dwar l-Istatistika tat-Trasport bil-Ferrovija*) tal-Eurostat jinkludi kapitolu ddedikat għall-metodoloġiji nazzjonali b'subkapitolu dwar il-kompilazzjoni tad-*data* u l-ġestjoni tal-kwalità.

2.3 PIŻ AMMINISTRATTIV GĦALL-ISTATI MEMBRI

It-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni huma tħassib kontinwu għall-Eurostat. Abbażi tal-kummenti mill-Istati Membri, il-Eurostat, f'kooperazzjoni mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, jimplimenta azzjonijiet speċifiċi sabiex jitnaqqas il-piż tal-ġbir u tar-rapportar tad-*data*.

Wara talbiet mill-Istati Membri, ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 ġie emendat fl-2016 sabiex jitnaqqas u jiġi ssimplifikat il-piż amministrattiv għalihom. Ġew emendati l-annessi li ġejjin:

- L-Anness B - "L-istatistiċi annwali dwar it-trasport tal-merkanzija - ir-rappurtaġġ simplifikat" - tneħħa;
- L-Anness C - "L-istatistiċi annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri - ir-rappurtaġġ dettaljat" - ġie ssimplifikat bit-tneħħija tat-Tabelli C1 ("Il-passiġġieri ttrasportati, [skont] it-tip tat-trasport (informazzjoni proviżorja, tan-numru tal-passiġġieri biss)") u C2 ("Il-passiġġieri internazzjonali, [skont] il-pajjiż [tal-]imbark u l-pajjiż [tal-]iżbark (informazzjoni proviżorja, in-numru tal-passiġġieri biss)");
- L-Anness D - "L-istatistiċi annwali dwar il-passiġġieri - ir-rappurtaġġ simplifikat" - tneħħa;

[5] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/29567/3217334/Reference+manual+on+Rail+Transport+Statistics+%28Version+8.01%29/ed767b61-7fca-470a-a9e2-582e4aabedcb (Disponibbli biss bl-Ingliż).

- L-Anness H - "L-istatistika dwar l-inċidenti" - tneħħa. Sal-2016, l-Istati Membri kienu jipprovdu *data* dwar l-inċidenti lill-Eurostat u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji. Mill-2016 'l hawn, din id-*data* hija pprovduta biss lill-Aġenzija sabiex jitnaqqas il-piż għall-Istati Membri. L-Aġenzija mbagħad tibgħat id-*data* lill-Eurostat sabiex ixxerridha permezz tal-bażi tad-*data* tiegħu[6];
- L-Anness I - "Il-lista ta' impriżi (rappurtaġġ dwar il-lista ta' impriżi)" - tneħħa.

Il-Eurostat qed jaħdem sabiex jiżviluppa proċeduri aktar b'saħħithom għall-validazzjoni tad-*data* u għal kontrolli tal-kwalità li se jipprovdu feedback rapidu lill-Istati Membri fi stadju bikri ħafna tat-trażmissjoni tad-*data*.

Skont l-input miġbur mill-kwestjonarju mibgħut lill-Istati Membri f'April 2020, il-qafas definit mir-Regolament (UE) 2018/643 huwa biżżejjed sabiex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-utenti mingħajr ma jqiegħed piż eċċessiv fuq ir-rispondenti. Il-pajjiżi jqisu li d-*data* hija ta' valur sinifikanti u li l-piż u l-kost relatati għar-rispondenti u għall-uffiċċji tal-istatistika fil-ġbir ta' din id-*data* huma ġġustifikati fir-rigward tal-benefiċċji tagħha. L-Istati Membri jirrikonoxxu li loġistika li tirrispetta l-ambjent hija inkonċepibbli mingħajr it-trasport bil-ferrovija, settur li jeħtieġ li jiġi mmodernizzat u msaħħaħ. Sabiex jiġi appoġġat dan il-proċess, hija meħtieġa *data* rilevanti u affidabbli sabiex jiġu ddefiniti u evalwati diversi miżuri.

2.4 VALIDAZZJONI TAD-*DATA* U L-KWALITÀ TAD-*DATA* STATISTIKA RIĊEVUTA

Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-kwalità tal-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, il-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex issib l-iżbalji fid-*data* li tirċievi. Il-Eurostat iżomm sistema tal-IT affidabbli għar-riċeviment, għall-validazzjoni u għall-proċessar tad-*data* u jwettaq diversi tipi ta' kontrolli tad-*data*. Meta jinstabu xi żbalji, il-pajjiżi jintalbu jibagħtu *data* riveduta.

Fir-rigward tal-arranġamenti tekniċi għat-trażmissjoni tad-*data*, intlaħaq livell għoli ta' standardizzazzjoni. Il-pajjiżi jibagħtu d-*data* lill-Eurostat permezz tal-portal EDAMIS, b'mod konformi mal-istruttura tal-fajl u mal-format tar-rekord mitluba. Proċess ta' validazzjoni, implimentat mis-sistema ewlenija tal-IT, iwettaq identifikazzjoni bikrija ta' żbalji bażiċi u ta' kodiċijiet żbaljati, li jippermetti l-integrazzjoni rapida tal-informazzjoni fil-bażi ta' *data* tal-produzzjoni tal-Eurostat.

Ladarba d-*data* tiddaħħal fil-bażi ta' *data* tal-produzzjoni tal-Eurostat, jiġu applikati kontrolli dettaljati sabiex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* li tkun intbagħtet. Dawn il-kontrolli tal-kwalità janalizzaw il-konsistenza tat-tabelli ta' rapportar ta' kull pajjiż, il-konsistenza ta' dawn it-tabelli matul iż-żmien u l-koerenza bejn it-tipi differenti ta' tabelli, u jqabblu r-riżultati bejn il-pajjiżi sħab rapportaturi (kontrolli riflessivi).

B'mod ġenerali, il-kwalità tad-*data* hija meqjusa tajba. Madankollu, għadhom meħtieġa sforzi sabiex jitnaqqsu l-assimetriji enfasizzati mill-kontrolli riflessivi, għalkemm xi wħud minn dawn l-assimetriji huma dovuti għal differenzi fil-metodoloġiji nazzjonali u ma jistgħux jitneħħew faċilment. Ir-rapportar tad-*data* dwar it-tranżitu wkoll irid li jiġi mtejjeb billi jiġu armonizzati l-metodi tal-ġbir tad-*data* fil-pajjiżi rapportaturi.

2.5 APPOĠĠ METODOLOĠIKU LILL-ISTATI MEMBRI

Il-Eurostat jipprovdi appoġġ metodoloġiku u tekniku kostanti lill-pajjiżi rapportaturi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/643.

Bħala parti minn dan l-appoġġ, il-Eurostat jorganizza żjarat fil-pajjiżi sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet li ma jkunux ċari. Barra minn hekk, kull sentejn il-Eurostat jorganizza laqgħa

[6] https://ec.europa.eu/eurostat/data/database (Disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

ta' esperti nazzjonali (il-Grupp ta' Esperti dwar l-Istatistika tat-Trasport bil-Ferrovija) mill-Istati Membri kollha, mill-pajjiżi tal-EFTA, mill-pajjiżi kandidati u mill-kandidati potenzjali sabiex jiskambjaw prattiki tajbin u jiddiskutu l-kwalità tad-*data*, kwistjonijiet metodoloġiċi u proġetti ġodda. L-implimentazzjoni tar-Regolament hija wkoll punt regolari fl-aġenda fil-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Istatistika dwar it-Trasport.

Ir-*Reference Manual on Rail transport statistics* (*Manwal ta' Referenza dwar l-Istatistika tat-trasport bil-ferrovija*) jipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Il-Manwal ta' Referenza jiġi aġġornat regolarment (l-aktar fuq bażi annwali) sabiex jinkludi l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-linji gwida l-aktar reċenti li jkunu rilevanti għall-ġbir tal-istatistika dwar it-trasport bil-ferrovija.

Fl-2019, il-Eurostat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Forum Internazzjonali tat-Trasport, ippubblika b'mod konġunt il-ħames edizzjoni tal-*Glossary for transport statistics* (*Glossarju għall-istatistika dwar it-trasport*), li tinkludi taqsima aġġornata u mtejba dwar it-trasport bil-ferrovija. Il-Glossarju jimmira li jistandardizza d-definizzjonijiet tal-istatistika dwar it-trasport fuq livell Ewropew u internazzjonali.

2.6 DISSEMINAZZJONI TAD-*DATA*

Il-Eurostat joħroġ id-*data* miġbura skont ir-Regolament (UE) 2018/643 permezz tal-bażi tad-*data* ta' disseminazzjoni tiegħu li hija aċċessibbli mingħajr ħlas mis-sit web tal-Eurostat. Hemm 26 tabella dwar it-trasport bil-ferrovija, li jiġu aġġornati regolarment u li huma kkomplementati minn fajls dettaljati tal-metadata.

Il-Eurostat jipproduċi wkoll artikli "Statistics Explained" ("Statistika Spjegata") li jipprovdu analiżi tad-*data* għall-midja u għall-pubbliku ġenerali[7]. Id-*data* tinxtered ukoll permezz ta' estrazzjonijiet tad-*data* mfassla apposta għall-utenti u għal dawk li jfasslu l-politika, permezz tal-aħbarijiet tal-Eurostat u permezz tal-pubblikazzjonijiet tal-Eurostat (eż. il-ktieb tal-istatistika *Energy, transport and environment statistics* (*Statistika dwar l-enerġija, it-trasport u l-ambjent)*[8]).

3. ŻVILUPP ULTERJURI TAL-ISTATISTIKA DWAR IT-TRASPORT BIL-FERROVIJA

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar sett ta' politiki trasformattivi fis-setturi ekonomiċi kollha, inkluż it-trasport. L-istatistika dwar it-trasport bil-ferrovija tal-merkanzija u tal-passiġġieri tista' tgħin fl-istabbiliment u fil-monitoraġġ tal-miri tal-politika billi tipprovdi *data* dwar il-volumi ta' merkanzija ttrasportata, in-numri ta' passiġġieri, il-kilometri vvjaġġati, u t-tagħmir u l-infrastruttura. Din l-informazzjoni tinġabar skont ir-Regolament (UE) 2018/643 u minn kwestjonarji volontarji.

Il-kunfidenzjalità tad-*data* f'xi pajjiżi tillimita l-potenzjal għall-ġbir ta' din l-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/643. Il-Eurostat, flimkien mal-Istati Membri, se jinvestiga jekk jistgħux jittaffew ir-restrizzjonijiet imposti mill-kunfidenzjalità tad-*data* u, jekk iva, kif.

Sabiex ikun hemm kopertura usa' dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, il-Eurostat iffirma ftehim amministrattiv mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji sabiex jirċievi u jippubblika *data* dwar:

(i) it-tul tal-linji u tal-binarji mgħammra bis-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS);

[7] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Category:Rail (Disponibbli biss bl-Ingliż).
[8] https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-books/-/KS-DK-19-001 (Disponibbli biss bl-Ingliż).

(ii) in-numru ta' stazzjonijiet tal-ferrovija mgħammra b'faċilitajiet għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

L-ewwel *data*, ippubblikata fit-tielet trimestru tal-2020, hija relatata mat-tul tal-linji mgħammra bl-ERTMS.

Barra minn hekk, il-Eurostat qed jaħdem fuq l-iżvilupp ta' matriċi tad-distanza tal-ferroviji sabiex tgħin fil-kalkolu tal-indikaturi tal-qasma modali skont il-klassi tad-distanza mingħajr ma jitqiegħdu piżijiet addizzjonali fuq il-pajjiżi rapportaturi. Il-matriċi tad-distanza għall-ferroviji hija bbażata fuq il-livell NUTS 2 tal-klassifikazzjoni dwar ir-reġjuni, sabiex tkun taqbel mal-ġbir ta' *data* reġjonali għat-trasport bil-ferrovija fi ħdan l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/643. Il-mod kif tiżviluppa l-matriċi tad-distanza jiddependi mit-titjib tan-networks ġeografiċi. L-applikazzjoni tagħha tiddependi prinċipalment mid-disponibbiltà u mill-kwalità tad-*data* dwar il-ferrovija fil-livell reġjonali.

Il-kopertura ġeografika tal-istatistika dwar it-trasport bil-ferrovija tista' tiġi estiża bħala riżultat tat-tkabbir futur tal-UE u tal-involviment volontarju ta' pajjiżi addizzjonali u/jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali permezz ta' ftehimiet ta' koperazzjoni.

Skont il-kwestjonarju mibgħut f'April 2020, l-Istati Membri bħalissa ma jaraw l-ebda ħtieġa għal tibdiliet jew għal titjib fir-Regolament (UE) 2018/643. Ma hemm l-ebda ħtieġa ġdida tal-utenti li trid tiġi indirizzata. Madankollu, inizjattivi politiċi nazzjonali, Ewropej u internazzjonali ġodda dwar is-sostenibbiltà u dwar it-trasformazzjoni tas-sistemi tat-trasport jistgħu joħolqu ħtiġijiet ta' *data* ġodda. Ladarba jiġu identifikati dawn il-ħtiġijiet, dawn iridu jiġu evalwati u diskussi f'waqthom fi ħdan il-Grupp ta' Esperti dwar l-Istatistika tat-Trasport bil-Ferrovija.

4. KONKLUŻJONIJIET

Ir-Regolament (UE) 2018/643 ġie implimentat b'suċċess, u r-riżultati huma meqjusin pożittivi. Mekkaniżmu stabbilit sew fil-Eurostat u fil-livell nazzjonali jagħmilha possibbli li tiġi prodotta statistika li hija komparabbli u ta' kwalità għolja.

Il-Eurostat qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Regolament u jipproduċu statistika ta' kwalità għolja. Żviluppa sistema tal-IT u introduċa metodi ta' komunikazzjoni li għandhom l-għan li jimminimizzaw il-piż tal-ġestjoni tad-*data* għall-pajjiżi rapportaturi. Il-Eurostat qed jipprovdi wkoll gwida dwar kif tista' tittejjeb il-kwalità tad-*data* u kif jista' jitnaqqas il-piż tal-ġbir u tar-rapportar tad-*data*.

L-istatistika dwar it-trasport bil-ferrovija għandha applikazzjoni immedjata fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-politiki fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew. Minbarra dawk li jfasslu l-politika, numru ta' organizzazzjonijiet u ta' utenti oħra, bħar-riċerkaturi u l-analisti, urew interess fid-*data*, u l-Eurostat jiżgura li din l-istatistika dwar il-ferrovija tibqa' viżibbli ħafna billi jxerridha permezz ta' varjetà ta' mezzi.